# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 13 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 230 /2024 JPG**
**Kawza nru.: 19**

**AC**
**Vs**
**U b'digriet datat 17 ta' Gunju 2024**
**gew nominati Dr Joseph P Bonnici**
**u PL Silvana Vella bhala Kuraturi Deputati**
**sabiex jirraprezentaw lill- assenti MW**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AC datat 6 ta' Mejju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi hija zzewwget lill-intimat fit-tnejn (2) ta' Gunju elfejn u tmienja (2008), liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, (Kopja tac-Certifikat annessa bhala Dokument A);*

*Illi l-partijiet, ilhom separati oltre tlettax-il sena, u huma xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz kuntratt ta' sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Prim' Awla tal-Qorti Civili*

*(Sezzjoni tal-Familja) datata erbatax (14) ta' Frar elfejn u tlettax (2013), liema sentenza qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dokument B;*

*Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom tifel, IW, li twieled f'X u li illum ghandu X -il sena.*

*Illi l-intimat MW ilu assenti minn dawn il-Gzejjer ghal madwar tlettax -il sena u l-esponenti, ai termini tas-sentenza ta' separazzjoni citata bhala Dokument B hija giet akkordata l-kura u kustodja esklussiva ta' binha IW;*

*Illi l-esponenti in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, senjament li hija ma ghandha l-ebda informazzjoni ta' fejn jinsab zewgha, hija rrinunzjat ghal kwalsiasi dritt li titlob ghal manteniment jew xi arretrati ta' manteniment;*

*Illi l-esponenti tghix hajja separata u totalment distinta minn ma' zewgha li ilu assenti minn dawn il-Gzejjer ghal oltre tlettax -il sena, u l-esponenti tikkonferma li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghaddew diversi snin mis-separazzjoni bejn il-partijiet, u l-esponenti tikkonferma li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg taghha ma' MW hu mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-Ligi u sabiex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr. Joseph P Bonnici u PL Silvana Vella sabiex jirraprezentaw lill-assenti MW datata 28 ta' Ottubru 2024 a fol 43 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li jirriservaw minn issa li jipproducu xhieda u dokumenti opportuni fi zmien propizju.*
2. *Illi l-atti riferuti mir-rikorrenti ghandhom jigu ikkonfermati mill-istess awtoritajiet li rrilaxxawhom.*
3. *Illi trid isir il-prova li l-intimat MW abbanduna l-istat Malti u la irritorna u lanqas stabbilixxa r-residenza tieghu hawn Malta.*
4. *Illi r-rikorrenti trid tissodisfa lil din l-Onorabbli Qorti li jikkonkorru il-kundizzjonijiet kollha ghall-otteniment tal-hall miz-zwieg tal-istess intimat.*
5. *Salv risposti ulterjuri skond il-kaz.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat li gew imharrka l-Principal Immigration Officer u Identity Malta (a fol 50 et seqq.);

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit Dok ACX1 a fol 46)** illi l-partijiet izzewgu nhar it-2 ta' Gunju 2008. Qabel il-kors ta' dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni. Xehdet illi huma sseparaw legalment permezz ta' sentenza ta' separazzjoni personali moghtija mill-Onor. Imhallef Abigail Lofaro nhar l-14 ta' Frar 2013. Xehdet ukoll li Mouaid kien telaq minn Malta u ma giex lura. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni.

**Is-Surgent Geraldine Caruana in raprezentanza tal-Prinicpal Immigartion Officer prodotta mill-attrici xehdet viva voce nhar il-15 ta' Jannar 2025** (**a fol 52 et seqq**) fejn ikkonfermat li ma rrizulta ebda movement tas-Sur W  minn dawn l-ahhar 4 snin. **Ikkonfermat li l- permess tar-residenza tal-intimat skada fis-sena elfejn u tmintax (2018).**

**Angela Craus prodotta mill-attrici, in rapprezentanza ta' Identita Malta xehdet viva voce nhar il-15 ta' Jannar 2025** (**a fol 64 et seqq**) fejn ikkonfermat li **l- permess tar-residenza tal-intimat kien sar fis-sena elfejn u hmistax (2015) u skada fis-sena elfejn u tmintax (2018). Dan ma regax intalab it-tigdid tieghu.**

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Gunju 2008 liema zwieg jgib certifikat numru 711/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3).Qabel il-kors ta' dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ( Sezzjoni Familja) moghtija mill-Onor. Imhallef Dr Abigail Lofaro datata 14 ta' Frar elfejn u tlettax (2013) (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 711/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes huma a karigu tal-intimat izda jithallsu provisorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**